TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Chiara Micallef u Massimo Vella

vs

Cellphone

CCT 34/18/MS

7 ta' Novembru 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-1 ta' Marzu 2018 fejn talbu ir-rifuzjoni ta' €135.00 prezz ta' *mobile* mixtri minghand l-azjenda intimata, liema *mobile* zviluppatlu hsara fit-terminu tal-garanzija.

Ra r-riposta tal-azjenda intimata pprezentata fil-20 ta' Marzu 2018 fejn irrifjutat it-talbiet attrici peress illi l-hsara li kellu l-mobile kien konsegwenza ta' *oxidisation*, tort tar-rikorrenti.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Irrizulta mill-provi illi f'Mejju 2017 ir-rikorrenti Chiara Micallef xtrat *mobile* Samsung minghand l-azjenda intimata ghal prezz ta' €135.00. Dan il-*mobile* beda jimmanifesta l-ewwel problemi ftit ta' zmien wara liema problemi l-istess rikorrenti tiddeskrivi bhala "minuri." F'Jannar 2018 ir-rikorrenti allegat li l-*mobil*e ma bediex jiehu *charge* u l-anqas ma bdiet tisma' lin-nies illi kienu jcemplulha. Innegat illi waqqaghtu fl-ilma ghad illi kellu cipjatura. Tatu lill-partner biex jiehdu ghand l-azjenda intimata fejn wara li gie spezzjonat, dawn qalulha li l-*mobile* kien ixxarrab u ghalhekk giet negata l-garanzija. Ir-rikorrenti rrifjutat din l-ispjegazzjoni u adixxiet lil dan it-Tribunal biex tiehu lura l-prezz tal-*mobile*.

Illi min-naha l-ohra Joseph Galea in rapprezentanza tal-azjenda intimata kkonferma li r-rikorrenti xtrat *mobile* minghandhom u li dan gie l-ewwel darba ghandhom ghat-tiswija fil-11 ta' Jannar 2018 - allura kwazi ghaxar xhur wara illi nxtara. Galea ighid illi seta' jara li c-*charging poin*t kienet imkissra u dan wahdu kien iwaqqa' l-garanzija. Meta nfetah il-mobile nstab illi kellu sinjali ta' *corrosion* konsegwenza *ta' kuntatt mal-ilma. Gew esebiti diversi ritratti fejn juri oxidisation*

*madwar ic-charging point u* microphone area. Galea jkompli ighdi li kien accetta illi jsewwi l-*mobile* versu pagament pero dan ma giex accetat mir-rikorrenti.

Ikkunsidra

Illi biex ir-rikorrenti jkollha success fl-istanza taghha, trid almenu tipprova fuq bazi ta' probabilita' illi ghandha ragun fit-talba taghha - f'dan il-kaz illi l-*mobile* kien affett minn difett latenti fit-terminu tal-garanizja u kwindi kellha d-dritt illi dan jissewwa minghajr hlas. Jew inkella jigi mibdul. Min-naha l-ohra l-azjenda intimata ukoll ghandha l-obbligu biex turi almenu fuq bazi ta' probabbilita' li l-versjoni taghha hija aktar verosimili minn dik progettata mir-rikorrenti.

F'dan il-kaz, ir-rikorrenti ppruvat illi xtrat il-*mobile* minghand l-azjenda intimata u kwindi kien hemm rabta giuridika bejniethom fejn l-azjenda intimata kienet obbligata li tforni l-oggett mixtri b'garanzija statutorja - f'dan il-kaz, ta' sentejn. Dan ifisser li jekk l-oggett mixtri tizvillupalu hsara konsegwenza tal-manifattura, allura f'dan il-kaz ir-rikorrenti jkollha drittijiet naxxenti mill-ligi. Irrizulta wkoll illi f'dan it-terminu tal-garanzija il-*mobile* zvillupalu hsara. Dana huwa l-limitu tal-provi provduti mir-rikorrenti. Min-naha l-ohra l-azjenda intimata, filwaqt illi konfermat il-bejgh u l-obbligazzjonijiet giuridici taghha, ippruvat ukoll a sodisfazzjoni ta' dan it-Tribunal illi l-hsara li zvillupat ma kienx konsegwenza ta' xi difett fil-manifattura izda konsegwenza ta' perkolazzjoni tal-ilma li dahlet fil-parti ta' isfel tal-mobile fejn affetwat *ic-charging point* u l-*microphone*. (Ara ritratti ezebiti). Din il-perkolazzjoni u konsegwenza *oxidisation* zgur illi mhumiex tort tal-azjenda intimata jew xi difett fil-manifattura illi din l-ahhar azjenda hija obbligata li ssewwi. It-Tribunal mhuwiex qed jimputa xi tort lir-irkorrenti li kkawzaw il-perkolazzjoni tal-ilma volontarjament, pero' l-fatt hu li l-*oxidisation* huwa indikazzjoni cara ta' din il-perkolazzjoni. U ta' dan, zgur m'ghandhiex tahti l-azjenda intimata li wara kollox bieghhet ll-*mobile* kwazi sena qabel. F'sitwazzjoni bhal din l-garanzija tigi negata u l-propjetarju jrid ihallas il-prezz kollu tat-tiswija. Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi illi r-rikorrenti m'ghandhomx ragun fit-talba taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra taghhom.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru